# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 14**

**Avviz numru 358/00/SM**

**Information Technology Services Ltd.**

**vs**

**Jonathan Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn erbgha u disghin liri Maltin erbgha u tmenin centezmi (LM294.84,0) rapprezentanti ammont dovut minnu skond l-artikolu 7.4 tal-kuntratt tal-impieg definittiv li hu iffirma mas-socjeta' attrici fl-ewwel (1) ta' Lulju elf disa' mija sitta u**

**disghin (1996) li kopja tieghu hija annessa u mmarkata Dok. "A" u skond ittra li ggib id-data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' April elf disa mija disgha u disghin (1999) il-kopja taghha hija annessa u mmarkata Dok. "B", u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata 12 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-raguni illi l-partijiet kienu lahqu ftehim verbali dwar in-notice u dan fis-sens illi l-konvenut kellu jahdem gurnata biex ilesti kompletament ix-xoghol ta' klijent partikolari li kien MetalFit Ltd u dan kien jigi kkunsidrat bizzejjed mill-kumpanija attrici;**

**2. Illi l-partijiet ikkompensaw ukoll l-ammonti ta' overtime li kienu dovuti, leave mhux mahdum u ammonti ohrajn u kkonkludew kollox bonarjament fuq l-aspetti kollha tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Fi kawlunkwe kaz il-konvenut baqalu jiehu ta' ammonti li ma gewx kkalkolati kemm il-darba l-kumpanija attrici tibqa tinsisti ghall-ammont mitlub f'dan l-avviz;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi skond il-kuntratt ta' impjieg datat l-1 ta' Lulju ta' l-1996 li permezz tieghu il-konvenut kien**

**ingaggat mis-socjeta' attrici bhala "systems developer A" ghall-perjodu determinat, kien stipulat bejn il-partijiet illi f'kaz li l-konvenut jittermina l-impjieg tieghu taht dan il-ftehim qabel l-iskadenza pattwita il-konvenut kien responsabbli li jhallas lis-socjeta' attrici danni ammontanti ghall-ammont ekwivalenti ta' nofs is-salarju li l-konvenut kien ikun imhallas tul il-perjodu rimanenti ta' l-ingagg tieghu;**

2. **Illi gara li l-konvenut permezz ta' l-ittra tieghu datata t-23 ta' Frar ta' l-1999 ghazel li jittermina l-impjieg tieghu qabel il-perjodu stipulat fil-kuntratt fuq riferit;**

3. **Illi kif jidher a fol 8 tal-process l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici kien ammontanti ghall-mitejn u erba u disghin Lira Maltin u erba' u tmenin centezmu, (LM294.84,0);**

4. **Illi l-konvenut jallega xi forma ta' ftehim verbali li permezz tieghu accetta li jahdem gurnata "extra" bil-kondizzjoni li l-klawsola pertinenti li kient torbtu jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, (senjatament il-klawsola) numru 7.4 tal-ftehim de quo), ma kienitx tapplika aktar;**

5. **Illi din l-allegazzjoni tieghu giet vigorozament riffjutata mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li dak allegat mis-socjeta' attrici gie abbundantement ipprovat kemm mix-xhieda prodotta kif ukoll mid-dokumentazzjoni esebita;**

**Illi dan ma jistghax jinghad fil-konfront tal-konvenut fejn l-affermazzjoni tieghu ma tirrizultax avallata mill-fatti rizultati f'din il-procedura;**

**Illi ghandu jinghad ukoll ghall-kredibilita' ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li ma jirrizulta l-ebda proporzjonalita' bejn pagament ghall-gurnata xoghol u l-ammont rikjamat mis-socjeta' attrici u allura l-ekwiperazzjoni allegata mill-konvenut**

**ma tirrispekkjax l-element tal-proporzjonalita' tant essenzjali ghall-gustizzja;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Jonathan Zammit biex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erba' u disghin Lira Maltin u erba u tmenin centezmu, (LM294.84,0), bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali senjatament is-16 ta' Marzu tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**